**Minuti tal-457 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Mark Grech, is-Sur John J Pace u s-Sur Brian Spiteri.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Agius (is-Sway) jiġi skużat.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil kienet ukoll preżenti għal-laqgħa.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li qabel jiġu approvati l-minuti tal-456 laqgħa tal-Kunsill issir korrezzjoni f'paragrafu tnax ta' paġna 330 u minflok il-kliem "jitwaħħal *bus shelter*" jidħol il-kliem "jitwaħħal *dustbin.*".

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-minuti tal-456 laqgħa jiġu unanimament approvati kif emendati.

Item3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-bżonn li ssir rampa f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sur Agius qal illi r-rampa tista' ssir fil-viċinanzi ta' Dar Sagra Familja sabiex ma jintilifx post għall-ipparkjar ta' vetturi.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mingħand Transport Malta relatata mat-talba li kienet saret minn Dr. Roselyn Borg f'isem is-Sinjura Grace Zahra dwar l-ipparkjar fl-isqaq ta' Triq il-Vittorja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kienu nqalgħu kważi l-*bollards* kollha li kien hemm fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp u l-karozzi kienu qed jaqsmu l-kkareġjata. Is-Sindku qal illi Transport Malta ssuġġerew li tiġi nstallata *CCTV camera* minflok *traffic lights*. Is-Sindku qal ukoll illi Triq Villabate hija triq arterjali u għalhekk ir-responsabbiltà ta' din it-triq hija ta' Transport Malta.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil Transport Malta sabiex jitwaħħal *bus shelter* fi Triq Villabate faċċata tal-Qasam tad-Djar tal-Plier. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-korrispondenza relatata ma' din it-talba kienet ser tintbagħat fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' qal illi meta kienu qed isiru x-xogħlijiet minn Transport Malta sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq tal-Labour, inqala' *dustbin* tal-klieb u baqa' ma twaħħalx. Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Awtoritajiet konċernati sabiex id-*dustbin* tal-klieb jerġa' jitwaħħal. Is-Sindku qal li dan l-ilment kien qiegħed jitressaq lil Transport Malta.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

<u>Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit J.B. Farrugia, Konsulent fis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali fejn informa lill-Kunsill illi s-Segrerarju Parlamentari l-Onor Dr Stefan Buontempo kien ser iżur ix-xogħol li qed isir fil-bandli nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Diċembru fis-siegħa ta' wara nofsinhar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar ir-riżultat tal-proċess tal-għażla għall-proġett Kunsill Lokali Żgħażagħ 2015/2016. Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-proposta preżentata miż-żgħażagħ ġiet aċċettata, għaldaqstant il-Kunsill Lokali Żgħażagħ ser jingħata s-somma ta' €2,396.32 li tirrapreżenta 80% tal-ammont totali mitlub.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Edgar Apap fejn talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata *American Pool Tournament* maż-*Żabbar Pool Club*. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza *American Pool Tournament* flimkien maż-*Żabbar Pool Club* u jingħataw tifkira tal-okkażjoni lir-rebbieħa tal-kompetizzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kellu laqgħa flimkien ma' uffiċjali tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi fejn ġiet diskussa l-possibiltà li jsir xogħol ta' manutenzjoni taż-*zebra crossings* ta' Ħaż-Żabbar bil-ħaddiema tal-Gvern billi l-Kunsill jipprovdi l-materjal u d-Dipartiment jipprovdi l-*labour* mingħajr ħlas. L-ispiża sabiex jinxtara l-materjal kollu tammonta għal €778.81. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri l-materjal u jsir ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq iż-*zebra crossings* kollha bil-ħaddiema tal-Gvern.

Is-Sur Mark Grech reġa' talab sabiex isir id-dawl taż-*zebra crossing* ta' Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi tal-ħanut tat-*tyres Burn Out*, peress illi dan id-dawl kien għadu mhux imqabbad. Is-Sur Grech talab sabiex isir ix-xogħol kollu li huwa meħtieġ biex din iż-*zebra crossing* issir *up to standard*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta dwar talba li rċeviet minn resident sabiex titwaħħal tabella ta' *no right turn* fi Triq Wied il-Għajn faċċata ta' Triq iċ-Ċimiterju peress illi kienu qed isiru ħafna nċidenti tat-traffiku.

Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sindku talab li jkun skużat għal ftit minuti. Fl-assenza tas-Sindku l-Viċi-Sindku kompla jippresiedi l-laqgħa.

Is-Sur Mark Grech ippropona sabiex Triq iċ-Ċimiterju issir *one way* minn naħa ta' Triq il-Misqa 'l isfel u b'hekk il-vetturi ma jkunux jistgħu joħorġu għal Triq Wied il-Għajn minn naħa ta' Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Mark Grech u din il-proposta għaddiet bi tminn voti favur u vot kontra.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Malta Humanist Association* li talbu nformazzjoni dwar jekk fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar hemmx swali li jistgħu jintużaw biex isiru funerali sekulari.

Fis-6.40 ta' filgħaxija s-Sindku daħal lura għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali relatata ma' żewġ *wifi access points* oħra li ser jiġu nstallati f'postijiet pubbliċi bil-għan li jħajru iktar l-użu tal-*internet* fil-lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex.

Is-Sur Joseph Vella ppropona sabiex jitwaħħal *access point* fil-venda kif ukoll *access point* ieħor f'Misraħ San Ġakbu. Is-Sur Mark Grech issekondata l-proposta tas-Sur Joseph Vella u din il-proposta għaddiet b'disa' voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sur Joseph Bonnici ssuġġerixxa li wieħed mill-*access points* jitwaħħal fil-bandli tal-*Housing Estate* sabiex il-*wifi access points* ikunu mqassmin aħjar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Jeffrey Ellul mill-Uffiċċju Elettorali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat aċċetta l-proposta li triq ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju tissemma Triq Papa Piju XII.

Inqrat korrispondenza mibghuta mis-St Patrick Football Club dwar ktejjeb li ser jiġi ppubblikat u li ser jitqassam b'xejn f'kull dar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jagħmel avviż dwar il-ġbir ta' skart domestiku, skart riċiklabbli u ġbir ta' ħġieġ biex ir-residenti jkomplu jiġu nfurmati aktar dwar l-iskemi tal-ġbir ta' skart fil-lokalità. Dan l-avviż ser jiswa lill-Kunsill €500 u ser jitqassam f'aktar minn ħamest elef residenza.

Inqrat korrrispondenza mibghuta mis-Sur Farrugia li talab sabiex issir *hump roundabout* fit-tarf ta' Triq il-Vittorja sabiex min ikun ġej minn Triq il-Vittorja u jkun irid idur għal Triq Bajada ikollu jibqa' tiela sat-tarf tat-triq u għalhekk jiġu evitati ħafna inċidenti tat-traffiku. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru tabelli u sinjali tat-traffiku fi Triq il-Vittorja kantuniera ma' Triq Bajada.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza li kienet intbgħatet mis-Sur Jeffrey Ellul mill-Uffiċċju Elettorali dwar talba sabiex jingħata isem lil triq bla isem fil-viċinanzi ta' *Block* H fil-Qasam tad-Djar. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien mar jara personalment u fl-opinjoni tiegħu għandu jingħata isem ġdid għal din it-triq peress illi xi residenti għad m'għandhomx isem u oħrajn għandhom ismijiet ta' toroq differenti fl-istess triq. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li din it-triq tingħata l-isem uffiċjali ta' Triq l-Istefanotis.

Is-Sindku talab is-sospensjoni tal-agenda sabiex jiġi diskuss *Item* 11 tal-agenda. Is-Sur Brian Spiteri ssekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jiġi diskuss dan l-*item*.

<u>Item 11 – Attivitajiet tal-Milied</u>

Is-Sur Brian Spiteri tkellem dwar l-attività li ser issir mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel flimkien mal-Kunsill nhar it-Tlieta 22 ta' Diċembru, 2015 mis-7.30 ta' filgħaxija 'l quddiem f'Misraħ San Ġakbu. Is-Sur Spiteri qal illi matul l-attività ser jindaqqu kanzunetti tal-Milied, kant minn kor, kif ukoll ser isir kunċert mużikali. Is-Sur Spiteri qal illi kienu tqassmu kartolini tal-Milied f'kull dar sabiex tiġi reklamata din l-attività.

<u>Item 6 – Skeda tal-Pagamenti</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 17 ta' Novembru, 2015 sal-14 ta' Diċembru, 2015 li kienet tammonta għal €26,961. Din ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Ottubru li kien jammonta għal €52.26.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva wkoll unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Novembru li kien jammonta għal €47.05.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet is-sospensjoni tal-agenda sabiex jiġi diskuss *Item* 10 tal-agenda. Is-Sindku issekonda lis-Sinjura Anna Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti dan l-*item*.

Item 10 - Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

Ġieħ Ħaż-Żabbar

Is-Sindku talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-għoti ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar – 1 ta' Frar, 2016 biex wara ssir votazzjoni għal kull nominazzjoni li ssir.

Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona lin-Nutar Carmelo Lia. Is-Sinjura Anna Calleja issekondat il-proposta tas-Sur Buttigieg.

Is-Sur Joseph Agius ippropona lis-Sur Clyde Caruana. Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sur Agius.

Is-Sur Brian Spiteri ippropona lis-Sur Joseph Buttigieg. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Spiteri.

Fis-7.10 ta' filgħaxija is-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata.

Wara votazzjoni li ttieħdet, il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lis-Sur Joseph Buttigieg u lis-Sur Clyde Caruana li ġabu l-akbar ammont ta' voti.

Ċertifikat ta' Ħajr

Il-Viċi-Sindku ppropona li s-Sinjorina Katrin Busuttil tingħata Ċertifikat ta' Ħajr għall-ħidma tagħha fil-qasam taż-żgħażagħ. Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda l-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur John J Pace ippropona li Fr Roderick Camilleri jingħata Ċertifikat ta' Ħajr għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-qasam taż-żgħażagħ. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Mark Grech ippropona li s-Sur Brian Psaila jingħata Ċertifikat ta' Ħajr għall-kontribuzzjoni tiegħu fost it-tfal u l-adoloxxenti. Is-Sur John J Pace issekonda lis-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Mark Grech ippropona li s-Sur Steve Dalli jingħata Ċertifikat ta' Ħajr għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-qasam artistiku. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Joseph Vella ppropona li s-Sur Mario Borg u s-Sinjura Mary Grace Borg jingħataw Ċertifikat ta' Ħajr għall-kontribuzzjoni tagħhom fil-qasam tal-volontarjat

partikularment fiż-żona ta' Sant Andrija. Is-Sur Joseph Buttigieg issekondata l-proposta tas-Sur Vella u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sindku ppropona li s-Sur Mario Bartolo jinghata Ċertifikat ta' Hajr ghall-kontribuzzjoni tieghu fl-amministrazzjoni pubblika bhala *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Is-Sur Joseph Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg il-Kunsill approva unanimament l-użu tas-siġill uffiċjali tal-Kunsill ghal fuq iċ-ċertifikati li ser jiġu ppreżentati f'Jum Haż-Żabbar nhar it-Tnejn 1 ta' Frar, 2016.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-medalji ta' Ġieh Haż-Żabbar kienu spiċċaw u ghalhekk iridu jerġghu jinxtraw medalji ġodda. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku l-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn il-medalji.

Fis-7.30 ta' filghaxija is-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

<u>Item 9 - Deċiżjoni dwar il-kuntratti :</u>

<u>Aġġudikazzjoni ghall-offerti ghall-*equipment tal-playing field* fi 'Ġnien il-Kunsill (ZLC 10/2015)</u>

Inqara r-rapport li thejja mill-*Contract Manager* tal-Kunsill il-Perit William Lewis dwar l-offerti li ġew sottomessi ghat-tghammir tal-loghob fi Ġnien il-Kunsill (ZLC 10/2015). Il-Perit Lewis qal illi l-offerta tal-kuntrattur *Projekte Global Limited* u l-offerta (*Option 2)* ta' *JGC Limited* m'humiex konformi mar-rekwiżiti tal-kuntratt u ghalhekk jirrakomanda li l-Kunsill jaghżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet minghand il-kumpanija JGC Ltd (*Option 1)* ghall-prezz totali ta' €125,989.57.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joe Agius, il-Kunsill qabel unanimament li joqghod fuq il-parir tal-Perit u jaghżel l-offerta minghand JGC Limited (Option 1) ghall-prezz ta' €125,989.57 bil-kundizzjoni li jekk il-Kunsill ma jaqbilx mal-kjarifikazzjonijiet li ser jintalab jaghmel il-kuntrattur, il-Kunsill jirtira d-deċiżjoni tieghu.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li nghataw bhala *complimentary* bejn l-1 ta' Jannar, 2015 u l-14 ta' Diċembru, 2015. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Inqrat korrispondenza mibghuta mis-Sinjorina Mary Rose Caruana u s-Sinjorina Charlene Saliba li talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex iġġeddu 26.25 siegha u 40.25 siegha mill-*entitlement* ta' *vacation leave* taghhom ghas-sena 2015 u dawn jiġu akkumulati mal-*vacation leave* ghas-sena 2016. Dan peress li minhabba esiġenzi ta' xoghol ma kienx possibli ghalihom jaghmlu użu shih mis-sieghat ta' *vacation leave*. Fuq

proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tal-impjegati.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi fil-31 ta' Diċembru, 2015 kien ser jiġi fi tmiemu l-*probation period* ta' sitt xhur tal-Uffiċjal Eżekuttiv is-Sinjorina Charlene Saliba. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill it-tiġdid tal-kuntrattt ta' din l-impjegata għal żmien indefinit. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt tas-Sinjorina Saliba jiġi mġedded għal żmien indefinit.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet harġet l-offerta għall-polza ta' assigurazzjoni tal-Kunsill. Peress illi din is-sejħa ser tagħlaq, intalbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi estiża għal xahar il-polza ta' assigurazzjoni eżistenti li l-Kunsill għandu mal-kumpanija Island Insurance Brokers Limited sakemm issir l-aġġudikazzjoni tal-offerti sottomessi għall-polza ta' assigurazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza ta' assigurazzjoni għal xahar addizzjonali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin kienet waqqfet l-*inmates* milli jagħmlu xogħol volontarju fil-komunità.

Item 7 - *Performance Bonus* tal-Impjegati

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2015. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill Stephanie Testaferrata de Noto, Mary Rose Caruana u Charlene Saliba jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus* filwaqt li Isabella Testaferrata de Noto u Kyle Civelli jingħataw 3% tal-*performance bonus* għall-perjodu li huma għamlu jaħdmu mal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-appraisal report tas-Sur John Buttigieg għall-perjodu Mejju-Settembru 2011 peress illi s-Sur Buttigieg kien temm l-impjieg tiegħu mal-Kunsill waqt il-perjodu tal-probation. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John Buttigieg jingħata 3%.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2015.

Item 8 - Ingaġġ ta' Skrivan/a – Skala 15 (*back-to-back*)

Is-Segretarju ppreżenta r-rapport tal-*Interviewing Board* dwar l-intervisti li kienu saru lill-applikanti li kienu qed jirreġistraw taħt *Part 1* mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għall-ingaġġ ta' Skrivan/a Skala 15 (*back-to-back*) mal-Kunsill. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li ħadd mill-persuni li applikaw għal din il-vakanza ma hu adattat għal din il-kariga u għaldaqstant irrakomanda li ssir talba lill-Korporazzjoni għax-

Xogħol u Taħriġ biex jitkompla l-proċess billi jiġu intervistati kandidati eleġibbli li qegħdin jirreġistraw taħt *Part 2* u *Part 3* mal-korporazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-talba.

Item 12 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku qal illi kien ser isir xogħol ta' manutenzjoni fil-bandli Ġnien Tamara Psaila. L-ispiża sabiex isir il-manutenzjoni tammonta għal €2,500 u tinkludi rranġar tal-*playing equipment*, bdil ta' bozoz tad-dawl kif ukoll manutenzjoni simili oħra li hemm bżonn isir f'dan il-post.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li qabel ma jsir ix-xogħol ta' manutenzjoni fil-bandli Ġnien Tamara Psaila jitwaħħlu *CCTV cameras* biex ma jsirx aktar vandaliżmu.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi minħabba problema bil-livelli fi Ġnien il-Kunsill ix-xogħol li qiegħed isir f'dan is-sit waqa' ftit lura u issa għandu jitlesta sa nofs Jannar 2016.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol ta' bdil ta' bankini u xogħol ta' *resurfacing* f'parti minn Triq id-Dukkar.

Is-Sindku qal illi fil-granet li ġejjin kienet ser tiġi rranġata parti minn Triq San Ġużepp peress illi kien qed jidħol l-ilma tax-xita fil-*basement* ta' residenti. Is-Sindku qal ukoll illi kien ser jinbeda x-xogħol sabiex issir ir-*roundabout* fi Triq San Ġużepp minflok is-sinjal mal-art li hemm bħalissa u li mhux qed ikun effettiv.

Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex issir *road hump* fi Triq Santa Duminka peress illi kien qed isir sewqan eċċessiv.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex qabel ma jsir xi xogħol,issir konsultazzjoni u ssuġġerixxa li r-*road hump* issir fi Triq Santa Duminka kantuniera ma' Triq id-Dukkar.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienu qed jidħlu vetturi kbar fi Triq Santa Duminka u dan kien qiegħed joħloq problema peress illi din il-parti tat-triq ma tiflaħx vetturi kbar.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jikteb lill-kumpanija LESA biex f'din it-triq isir infurzar lokali bejn is-7.00 u l-10.00 ta' filgħodu u bejn it-3.00 fta' wara nofsinhar u s-6.00 ta' filgħaxija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien irċieva tliet applikazzjonijiet minn artisti Żabbarin wara avviż li l-Kunsill ħareġ sabiex jistieden artisti residenti f'Ħaż-Żabbar jesebixxu l-arti tagħhom f'Eschenfest l-Ġermanja f'Mejju, 2016. Is-Segretarju qal li l-applikazzjonijiet sottomessi kienu mingħand is-Sur Alex Dalli, Dr William Azzopardi u

s-Sinjura Bernice Buhagiar. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta is-sottomissjonijiet li rċieva u qal illi l-applikazzjoni tas-Sinjura Buhagiar daħlet tlett siegħat tard. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li l-applikazzjoni tas-Sinjura Bernice Buhagiar tiġi skwalifikata peress illi waslet tard u peress illi fil-passat l-applikazzjonijet li kienu waslu tard kienu ġew skwalifikati.

Is-Sur Mark Grech ippropona li s-Sur William Azzopardi għandu jintagħżel jesebixxi l-arti tiegħu f'Eschborn. Il-Viċi-Sindku ppropona li din is-sena s-Sur Alex Dalli jingħata l-opportunità jesebixxi l-arti tiegħu f'Eshborn. Wara votazzjoni li ttieħdet, il-Kunsill qabel unanimament li is-Sur Alex Dalli jesebixxi x-xogħlijiet artistiċi tiegħu f'Eshborn peress illi ġab l-aktar ammont ta' voti mill-Kunsillieri preżenti.

Il-Viċi-Sindku reġa' semma l-ħtieġa li tiġi rranġata l-bankina fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq Alessio Erardi peress illi kienet ħierġa 'l barra u kienet perikoluża għall-vetturi.

Is-Sur Joseph Vella ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għall-iskema li l-Gvern Ċentrali kien qed joffri dwar il-pannelli fotovoltajiċi.

Is-Sindku qal illi kien tkellem mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-kundizzjoni tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jingħata wiċċ ġdid fi Triq Renato Agius Muscat.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isiru gradi tal-ħadid bħala protezzjoni għat-tfal iż-żgħar fi Pjazza San Ġakbu.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġu rranġati l-bankijiet fi Pjazza San Ġakbu.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jiġi rranġat id-dawl tal-monument tal-gwerra peress illi kien mitfi, kif ukoll sabiex tiġi rranġata l-funtana peress illi kienet qed titlef l-ilma.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* fi Triq il-Qaqoċċ quddiem ir-residenza numru 123.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi huwa diġa kien talab sabiex issir *road hump* fi Triq il-Qaqoċċ quddiem ir-residenza numru 100 u saħaq li din ir-*road hump* tingħata prijorita.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir *road hump* fi Triq il-Għasel quddiem Misraħ Alofju de Wignacourt.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hix wasal il-proċess sabiex Triq il-Fiġel issir *one way*. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kellu petizzjoni sabiex Triq il-Fiġel ma ssirx *one way*.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienux ser isiru *culverts* ġodda fi Triq l-Iskola fil-viċinanzi ta' Triq Felice peress illi hemm problema ta' għargħar bl-ilma tax-xita.

Is-Sur Mark Grech qal li l-kumpanija *Central Asphalt* baqghet ma rrangatx parti mix-xoghol ta' *patching* li kien sar fi Triq l-Iskola u talab li dan ix-xoghol isir minghajr aktar dewmien.

Fit-8.30 ta' filghaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva sabiex issir bankina jew *bollard* fi Triq is-Santwarju viċin ir-residenza tal-Kappillan.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien ser jorganizza attività ghall-anzjani fil-21 ta' Jannar 2016.

Is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet illi ż-żghażagh kienu qed jiddiskutu l-possibilità li jsibu ġurnata ohra ghall-attività minflok il-5 ta' Ġunju, 2016. Is-Sindku talab sabiex l-attività li kienet ser tiġi organizzata miż-żghażagh issir fl-istess ġurnata tal-*Healthfest*.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jiġi rranġat id-dawl tal-*bus shelter* fl-entratura tal-Qasam tad-Djar peress illi kien mitfi.

Is-Sur Joseph Bonnici semma l-htieġa illi jsir *refresh* taż-*zebra crossing* ta' Triq l-10 ta' Settembru.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda ghall-attività organizzata mill-iskola Primarja Dr Francis Chetcuti u qal illi din l-attività kienet suċċess.

Is-Sur Joseph Agius qal illi l-ghajn tal-bhejjem kellha bżonn titnaddaf u jithaddem l-ilma.

Is-Sur Joseph Agius qal illi s-Sinjura Maria Camilleri kienet ghamlet xoghol ta' tiżjin fi Triq il-Kbira, Sqaq Numru 1 u ġie ssuġġerit li l-Kunsill jiehu ritratti tal-isqaq. Is-Sur Joseph Agius ssuġerixxa li fi żmien il-Milied il-Kunsill jerġa' jibda jżejjen l-isqaqien.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill isaqsi f'hix wasal il-proċess sabiex isiru l-*bollards* fi Triq il-Mina ta' Hompesch quddiem il-pompi tal-petrol u quddiem *Scotts Supermarket* bil-ghan li jitnaqqas il-periklu ghas-sewwieqa bil-kontravvenzjonijiet li jsiru fis-sitwazzjoni preżenti.

Is-Sur Joseph Agius semma l-possibiltà li Triq il-Mina ta' Hompesch issir b'erba' karreġġati.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex issir kjarifika dwar il-hatra ta' President tal-Kunsill Skolastiku peress illi s-Surmast tal-iskola kien infurmah illi s-Sur Zahra kien ghadu l-President tal-Kunsill Skolastiku ta' Skola Santa Klara.

Is-Sur Mark Grech staqsa f'hix wasal il-proċess sabiex jitpoġġew *bollards* madwar it-toroq tal-iskola matul il-hinijiet tad-dhul u l-hruġ mill-iskola biex b'hekk ma jidhlux

vetturi u jinholoq periklu ghall-istudenti. Is-Sur Grech qal illi s-Surmast tal-iskola kien lest li jqabbad impjegati tal-iskola sabiex jiehdu hsieb il-*bollards* huma matul il-ħinijiet ta' dhul u hruġ tal-istudenti mill-iskola.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex jitwaħħal *bin* tal-klieb fil-viċinanzi tal-iskola Primarja A kif ukoll isir tindif aktar ta' spiss madwar l-istess skola.

Is-Sur Mark Grech ressaq ilment li kien irċieva sabiex jiġu rranġati l-*parking bays* ta' Triq Castaldi bil-ghan li jkun hemm spazju ghal aktar karozzi.

Is-Sur Mark Grech qal illi kien hemm numru ta' bozoz maqtugha fi Triq is-Santwarju li riedu jiġu mibdula.

Is-Sur Mark Grech qal illi l-*bring in sites* li hemm fi Pjazza Wignacourt kienu tkissru.

Is-Sur Mark Grech tkellem dwar ir-rampa ta' mat-taraġ li hemm quddiem il-*Bank of Valletta* fi Triq is-Santwarju u li kienet qed tingombra l-bankina speċjalment ghall-persuni li jaghmlu użu minn *wheelchair*. Is-Sur Grech qal illi wara li kien ressaq ilment formali permezz tal-*website* tal-*Bank of Valletta* sabiex minflok it-taraġ li hemm issir rampa li tkun tista' tiġi użata wkoll minn persuni b'diżabilità, rappreżentant tal-*Bank of Valletta* kien infurmah illi diġa hemm permess maħruġ mill-MEPA dwar dan it-taraġ. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li din il-materja tiġi nkluża bhala *item* fl-agenda u tiġi diskussa fil-laqgha li jmiss sabiex il-Kunsill ikun jista' jara l-proposta li kienet saret u l-Kunsill jkun jista' jressaq is-suġġerimenti tieghu.

Il-laqgha spiċċat fid-9.05 ta' filghaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-458 laqgha li saret nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar, 2016.

Marc Vella Bonnici
Sindku